SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

21 ta' Lulju 2011 *

Fil-Kawża C-503/09,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Upper Tribunal (Administrative Appeals Chamber) (ir-Renju Unit), permezz ta' deċiżjoni tas-16 ta' Novembru 2009, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-4 ta' Diċembru 2009, fil-proċedura

Lucy Stewart

vs

Secretary of State for Work and Pensions,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn J.N. Cunha Rodrigues, President tal-Awla, A. Arabadjiev (Relatur), A. Rosas, A. Ó Caoimh u P. Lindh, Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

Avukat Ġenerali: P. Cruz Villalón,
Reġistratur: C. Strömholm, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-24 ta' Novembru 2010,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal L. Stewart, minn P. Stewart, rappreżentant legali, assistita minn R. Drabble, QC,

— għall-Gvern tar-Renju Unit, minn H. Walker, bħala aġent, assistita minn T. de la Mare, barrister,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn V. Kreuschitz u N. Yerrell, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2011,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 4(1)(a) u (b), 10(1), 19 u 28 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-siġurtà soċjali għall-persuni

impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità, fil-verżjoni tiegħu kif emendata u aġġornata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 118/97, tat-2 ta' Diċembru 1996 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 3), kif emendat bir-Regolament Nru 647/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE), tat-13 ta' April 2005 (ĠU L 117, p. 1, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 1408/71").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn L. Stewart, ċittadina Britannika residenti fi Spanja, u s-Secretary of State for Work and Pensions, fir-rigward tar-rifjut min-naħa ta' dan tal-aħħar li jagħtiha l-benefiċċju tal-invalidità mogħti għal żmien qasir lil żgħażagħ b'diżabbiltà.

Il-kuntest ġuridiku

Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni

3 L-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 1408/71, intitolat "Il-Persuni koperti", jipprovdi fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Dan ir-Regolament għandu japplika għall-ħaddiema li huma jew kienu soġġetti għall-leġislazzjoni ta' Stat Membru wieħed jew iktar u li huma ċ-ċittadini nazzjonali ta' wieħed mill-Istati Membri jew li huma persuni mingħajr Stat jew rifuġjati li jirrisjedu ġewwa t-territorju ta' wieħed mill-Istati Membri, kif ukoll għall-membri tal-familja tagħhom u s-superstiti tagħhom."

4 L-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament, intitolat "Materji koperti" jipprovdi:

"1. Dan ir-Regolament għandu japplika għal-leġislazzjoni kollha rigward il-friegħi tas-sigurtà soċjali li ġejjin:

a) benefiċċji tal-mard u tal-maternità;

b) benefiċċji ta' l-invalidità, inklużi dawk maħsuba għall-manteniment jew it-titjib fil-kapaċità tal-qligħ (tal-flus);

[…]

2. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-iskemi kollha u speċjali ta' sigurtà soċjali, sewwa jekk kontributorji u sewwa jekk mhux kontributorji […]

[…]"

5 L-Artikolu 10 tar-Regolament imsemmi, intitolat "Rinunzja għall-klawsoli dwar residenza — L-effett ta' assigurazzjoni obbligatorja fuq il-ħlas lura tal-kontribuzzjonijiet", jistabbilixxi, fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 tiegħu:

"Għajr fejn provdut xorta oħra f'dan ir-Regolament, il-benefiċċji fi flus għall-invalidità, ix-xjuħija jew is-sopravivenza, il-pensjonijiet għall-inċidenti fuq ix-xogħol jew għall-mard kawżat mix-xogħol u għotjiet għall-imwiet miksuba skond il-leġislazzjoni ta' Stat Membru wieħed jew iktar għandhom ikunu bla ħsara għal kull tnaqqis, modifika,

żamma, treġġigħ lura jew konfiska minħabba l-fatt illi min jirċevihom jirrisjedi fit-territorju ta' Stat Membru ieħor għajr dak li fih tinsab l-istituzzjoni responsabbli għall-ħlas."

6 B'mod konformi mal-Artikolu 10a tar-Regolament Nru 1408/71, intitolat "Benefiċċji speċjali mhux kontributorji", id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10 u tat-Titolu III ta' dan ir-regolament m'għandhomx japplikaw għall-benefiċċji ta' flus speċjali u mhux kontributorji msemmija fl-Artikolu 4(2a) tar-regolament imsemmi. Il-persuni li għalihom japplika r-Regolament Nru 1408/71 għandhom jirċievu dawn il-benefiċċji esklużivament fit-territorju tal-Istat Membru fejn jirrisjedu u skont il-liġi ta' dak l-Istat, sakemm dawn il-benefiċċji jkunu msemmija fl-Anness IIa ta' dan ir-regolament.

7 Il-benefiċċju tal-invalidità mogħti għal żmien qasir lil żgħażagħ b'diżabbiltà inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jissemmix fl-imsemmi Anness IIa.

8 Imniżżel fit-taqsima 2, intitolata "Il-ħaddiema u l-membri tal-familja tagħhom", tal-Kapitolu 1, intitolat "Mard u Maternità", tat-Titolu III tar-Regolament Nru 1408/71, l-Artikolu 19 ta' dan ir-regolament, intitolat "Residenza fi Stat Membru għajr l-Istat kompetenti — Regoli ġenerali", huwa mfassal b'dan il-mod:

"1. Ħaddiem li jirrisjedi fit-territorju ta' Stat Membru ieħor li ma jkunx l-Istat kompetenti, illi jissodisfa l-kondizzjonijiet tal-leġislazzjoni ta' l-Istat kompetenti biex ikun intitolat għall-benefiċċji, filwaqt li tingħata konsiderazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 18 fejn hu xieraq, għandu jirċievi fl-Istat fejn huwa residenti:

[…]

b) il-benefiċċji fi flus ipprovduti mill-istituzzjoni kompetenti bi qbil mal-leġislazzjoni li tamministra. […]

2. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 għandhom japplikaw b'analoġija għall-membri tal-familja li tkun residenti fit-territorju ta' Stat Membru għajr l-Istat kompetenti, fejn ma jkunux intitolati għal dawn il-benefiċċji skond il-leġislazzjoni ta' l-Istat li fit-territorju tiegħu jirrisjedu.

[…]"

9 Imniżżel fit-taqsima 5, intitolata "Il-pensjonanti u l-membri tal-familja tagħhom", tal-Kapitolu 1 tat-Titolu III tar-Regolament Nru 1408/71, l-Artikolu 28 ta' dan ir-Regolament, intitolat "Pensjonijiet pagabbli taħt il-leġislazzjoni ta' Stat jew iktar, f'każijiet fejn m'hemm ebda dritt għall-benefiċċji fil-pajjiż tar-residenza", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Pensjonant illi huwa intitolat li jiġbed pensjoni jew pensjonijiet skond il-leġislazzjoni ta' Stat Membru wieħed jew iktar u li ma hux intitolat għall-benefiċċji f'oġġetti skond il-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru fejn ikun jirrisjedi, għandu madankollu jirċievi dawn il-benefiċċji għalih innifsu u għall-membri tal-familja tiegħu jekk, wara li jingħata qies fejn xieraq, tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 18 u l-Anness V, ikun intitolat għalihom skond il-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru, jew għal ta' l-inqas wieħed mill-Istati Membri, kompetenti rigward il-pensjonijiet li kieku kien residenti fit t-territorju ta' dan l-Istat […]

[…]"

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

10 Skont l-Artikolu 20(1)(b) tal-Liġi tal-1992 dwar il-kontribuzzjonijiet u l-benefiċċji tas-sigurtà soċjali (Social Security Contributions and Benefits Act 1992, iktar 'il quddiem l-"SSCBA"), il-benefiċċju tal-invalidità huwa benefiċċju ta' natura kontributorja.

11 Il-benefiċċji ta' natura kontributorja jitħallsu, skont l-Artikolu 163(1)(a) tal-Liġi tal-1992 dwar l-amministrazzjoni tas-sigurtà soċjali (Social Security Administration Act 1992), mill-Fond ta' Assigurazzjoni Nazzjonali. Il-baġit meħtieġ għall-Fond imsemmi sabiex isir il-ħlas inkwistjoni huwa derivanti, b'applikazzjoni tal-Artikolu 1(1) tal-SSCBA, mill-kontribuzzjonijiet dovuti mill-persuni li jirċievu dħul u mill-persuni li jħaddmu.

12 L-Artikolu 30A(4) u (5) tal-SSCBA jipprovdi:

"4. Għal kull perijodu ta' inkapaċità mix-xogħol, il-benefiċjarju jista' jirċievi l-benefiċċju tal-invalidità għal żmien qasir matul perijodu massimu ta' 364 ġurnata.

5. Meta skont il-paragrafu 4 iktar 'il fuq, id-dritt tal-benefiċjarju għal benefiċċju tal-invalidità għal żmien qasir jiskadi, dan jakkwista d-dritt għal benefiċċju tal-invalidità għal żmien twil għal kull ġurnata sussegwenti li taqa' taħt l-istess perijodu ta' invalidità u li matulu huwa ma jkunx għalaq l-età legali tal-irtirar".

13 Il-benefiċċju tal-invaliditá għal żmien qasir jitħallas, b'applikazzjoni tal-Artikolu 30B(2) u tal-Anness 4, Taqsima I tal-SSCBA, skont żewġ rati fissi. Matul l-ewwel 196 ġurnata, dan jitħallas b'rata iktar baxxa mir-rata li jitħallas biha għall-bqija tal-perijodu ta' 364 ġurnata. Ir-rata bażi tal-benefiċċju tal-invaliditá għal żmien twil hija għola mir-rata superjuri tal-benefiċċju tal-invaliditá għal żmien qasir.

14 L-Anness 12(1) tal-SSCBA jeskludi mill-benefiċċju tal-invaliditá lill-persuni li għandhom dritt għal allowance legali tal-mard mingħand min jimpjegahom.

15 Id-dritt għal benefiċċju tal-invaliditá essenzjalment jiddependi mill-fatt li jkunu sodisfatti ċerti kundizzjonijiet ta' kontribuzzjonijiet min-naħa tal-applikant. Madankollu, il-persuni li ma jistgħux jaħdmu fiż-żgħożija tagħhom għandhom, skont l-Artikolu 30A(2A) tal-SSCBA, dritt għal benefiċċju tal-invaliditá mingħajr ma jkunu kkontribwew, bil-kundizzjoni li l-persuna interessata:

"a) għandu età ta' sittax-il sena jew iktar fid-data kkonċernata;

b) għandu inqas minn 20 sena jew, fil-każijiet previsti, 25 sena f'data li taqa' fil-perijodu ta' inkapaċitá għax-xogħol;

ċ) ma setax jaħdem għal perijodu ta' 196 ġurnata konsekuttiva li jiġi immedjatament qabel id-data kkonċernata, jew f'data preċedenti matul il-perijodu ta' inkapaċitá għax-xogħol li fiha huwa kellu 16-il sena jew iktar;

d) fid-data kkonċernata huwa jkun jissodisfa l-kundizzjonijiet definiti fir-rigward tar-residenza fil-Gran Brittanja, jew fir-rigward tal-preżenza f'dak il-pajjiż; u

e) f'dik id-data, ma jkunx persuna li tkun qiegħda tieħu kors ta' tagħlim full-time."

16 L-Artikolu 16(1) tar-Regolamenti dwar is-Sigurtà Soċjali (Benefiċċju tal-Invalidità) tal-1994 [Social Security (Incapacity Benefit) Regulations 1994, iktar 'il quddiem l-"SSIBR"], jipprovdi b'dan il-mod:

"Il-kundizzjonijiet imposti għall-finijiet tal-Artikolu 30A(2A)(d) tal-[SSCBA] fir-rigward tar-residenza jew tal-preżenza fil-Gran Brittanja huma dawk tad-data li fiha, il-persuna, fid-data kkonċernata:

a) tkun normalment tirrisjedi fil-Gran Brittanja;

b) ma tkunx persuna suġġetta għall-kontroll tal-immigrazzjoni fis-sens tal-Artikolu 115(9) tal-Liġi tal-1999 dwar l-Immigrazzjoni u l-Ażil (Immigration and Asylum Act 1999) jew tkun persuna msemmija fil-paragrafu 5;

ċ) tkun preżenti fil-Gran Brittanja; u

d) kienet preżenti fil-Gran Brittanja għal perijodu jew perijodi li jirrappreżentaw dewmien totali ta' mill-inqas 26 ġimgħa matul it-52 ġimgħa immedjatament preċedenti dik id-data."

17 Skont il-paragrafu 6 tal-imsemmi Artikolu 16, dawn il-kundizzjonijiet għandhom ikunu sodisfatti fil-mument meta ssir l-applikazzjoni.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

18 L. Stewart, ċittadina Britannika li twieldet f'Novembru 1989 tbati mis-sindrome ta' Down. F'Awwissu 2000, hija marret tirrisjedi fi Spanja flimkien mal-ġenituri tagħha, fejn għadhom jgħixu minn dak iż-żmien. Hija ngħatat b'mod retroattiv benefiċċju għas-sussistenza ta' persuni b'diżabbiltà ("Disability Living Allowance") sa mill-ħolqien ta' dan il-benefiċċju f'April 1992. Dan jitħallas lilha fi Spanja abbażi tad-dispożizzjonijiet tranżitorji li jinsabu fl-Artikolu 95b tar-Regolament Nru 1408/71.

19 Peress li missier L. Stewart ħadem, l-aħħar, fil-Gran Brittanja matul is-sena fiskali 2000/2001, dan jirċievi, sa minn Ottubru 2009, pensjoni tal-irtirar wara li bbenefika minn pensjoni professjonali. Omm ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ilha tirċievi pensjoni tal-irtirar sa mill-25 ta' Lulju 2005, u preċedentement kienet tirċievi benefiċċju tal-invalidità.

20 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali qatt ma ħadmet, u milli jidher, qatt ma tista' teżerċita attività professjonali.

21 Omm L. Stewart, fil-kwalità tagħha bħala rappreżentant legali tat-tifla tagħha, ressqet talba intiża sabiex din tal-aħħar tingħata benefiċċju tal-invalidità mogħti għal żmien qasir lil żgħażagħ b'diżabbiltà sa minn meta t-tifla tagħha għalqet sittax-il sena, peress li minn din id-data hija setgħet tippretendi tali benefiċċju. Fl-24 ta' Novembru 2005, din it-talba ġiet miċħuda mis-Secretary of State for Work and Pensions minħabba li L. Stewart ma kinitx tissodisfa l-kundizzjoni ta' preżenza fil-Gran Brittanja. Fl-istess

ħin, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ġiet informata li hija kienet ser tiġi kkreditata bil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali nazzjonali sakemm hija tibqa' inkapaċi li taħdem.

22 Omm ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ppreżentat rikors, f'isem bintha, kontra d-deċiżjoni tas-Secretary of State for Work and Pensions. Peress li dan ir-rikors ma rnexxiex, hija ppreżentat appell quddiem il-qorti tar-rinviju billi osservat li r-rifjut tal-awtoritajiet britanniċi li jgħatu lil bintha l-imsemmi benefiċċju tal-invalidità huwa inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

23 Il-qorti tar-rinviju tippreċiża li l-benefiċċju tal-invalidità inkwistjoni jiġi ta' spiss ippreżentat, minħabba l-kundizzjonijiet kollha li japplika fih, bħala "benefiċċju tal-invalidità għal żgħażagħ b'diżabbiltà".

24 Barra minn hekk, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-għoti tal-benefiċċju mogħti għal żmien qasir lil żgħażagħ b'diżabbiltà, bl-eċċezzjoni ta' dawk marbuta mal-ħtieġa ta' residenza abitwali, ta' preżenza preċedenti u ta' preżenza fil-mument tal-applikazzjoni fil-Gran Brittanja, stabbiliti fl-Artikolu 16(1) tal-SSIBR. Il-qorti tar-rinviju tirrileva li, għalkemm is-Secretary of State for Work and Pensions irrifjuta l-applikazzjoni tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali minħabba li din ma kinitx preżenti fil-Gran Brittanja fil-mument tal-applikazzjoni tagħha, din l-applikazzjoni setgħet daqstant ieħor tiġi rrifjutata minħabba li hija ma kinitx tissodisfa ż-żewġ kundizzjonijiet l-oħra msemmija iktar 'il fuq.

25 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi ruħha, fl-ewwel lok, jekk il-benefiċċju tal-invalidità mogħti għal żmien qasir lil żgħażagħ b'diżabbiltà jikkostitwixxix benefiċċju tal-mard fis-sens tal-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament Nru 1408/71 jew inkella benefiċċju tal-invalidità fis-sens ta' dan l-Artikolu 4(1)(b). Il-qorti msemmija tqis li l-benefiċċju inkwistjoni

ma jistax jiġi kkunsidrat bħala benefiċċju tal-mard, peress li dan ma jissostitwixxi ebda dħul u ma jibdiex japplika matul l-interruzzjoni tar-riżorsi, peress li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali, l-istess bħall-maġġoranza tal-applikanti li jinsabu fis-sitwazzjoni tagħha, qatt ma ħadmet. Barra minn hekk, skont il-qorti tar-rinviju, id-diżabbiltà tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali ma hijiex waħda temporanja.

26 Din il-qorti għandha dubji wkoll fir-rigward tal-kwalifika tal-benefiċċju mogħti għal żmien qasir lil żgħażagħ b'diżabbiltà bħala benefiċċju tal-invalidità fis-sens tal-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament Nru 1408/71 minħabba l-fatt li dan il-benefiċċju jitħallas għal żmien massimu ta' 364 ġurnata. Madankollu, wara dan il-perijodu, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali għandha tirċievi, skont il-qorti msemmija, benefiċċju tal-invalidità għal żmien twil bħal ħafna persuni oħra li jinsabu fis-sitwazzjoni tagħha. Għalhekk, il-benefiċċju tal-invalidità għal żmien qasir u għal żmien twil huwa benefiċċju uniku, minkejja l-istruttura interna tiegħu.

27 Fit-tieni lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi ruħha jekk it-tliet kundizzjonijiet, imsemmija fil-punt 24 ta' din is-sentenza, humiex kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

28 F'dawn il-kundizzjonijiet, l-Upper Tribunal (Administrative Appeals Chamber) iddeċida li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Benefiċċju bil-karatteristiċi ta' benefiċċju tal-invalidità mogħti fiż-żgħożija għal żmien qasir huwa benefiċċju tal-mard jew benefiċċju tal-invalidità għall-finijiet tar-[Regolament Nru 1408/71]?

2) Jekk ir-risposta għall-ewwel domanda hija li tali benefiċċju għandu jitqies bħala benefiċċju tal-mard:

a) Persuna, bħal omm ir-rikorrenti, li waqfet definittivament milli twettaq kwalunkwe attività bħala impjegata jew għal rasha peress li rtirat, hija 'persuna impjegata' għall-finijiet tal-Artikolu 19 [ta' dan ir-regolament] minħabba li qabel kienet twettaq attività bħala impjegata jew għal rasha, jew ir-regoli applikabbli huma dawk stabbiliti fl-Artikoli 27 sa 34 [tal-imsemmi regolament] (pensjonanti)?

b) Persuna, bħal missier ir-rikorrenti, li mill-2001 qatt ma wettaq attività bħala impjegat jew għal rasu, huwa, madankollu, 'persuna impjegata' għall-finijiet tal-Artikolu 19 [tal-istess regolament] minħabba li qabel kien iwettaq attività bħala impjegat jew għal rasu?

ċ) Rikorrent [Applikant] għandu jitqies bħala 'pensjonant' għall-finijiet tal-Artikolu 28 [tar-Regolament Nru 1408/71] minħabba l-għoti ta' benefiċċju miksub skont l-Artikolu 95b [ta' dan ir-regolament], minkejja l-fatt li: (i) ir-rikorrent [l-applikant] inkwistjoni qatt ma kien persuna impjegata skont l-Artikolu 1(a) tar-Regolament Nru 1408/71; (ii) ir-rikorrent [l-applikant] ma jkunx laħaq l-età ta' rtirar stabbilita mill-Istat; u (iii) ir-rikorrent [l-applikant] jaqa' biss taħt l-applikazzjoni personali tar-Regolament Nru 1408/71 bħala membru tal-familja?

d) Jekk pensjonant jaqa' taħt l-Artikolu 28 tar-Regolament Nru 1408/71, membru tal-familja ta' dak il-pensjonant, li jkun dejjem għix ma' u fl-istess Stat bħall-pensjonant, jista', skont l-Artikolu 28(1) [ta' dan ir-regolament], flimkien mal-Artikolu 29 [tar-regolament imsemmi], jitlob li jingħata benefiċċju tal-mard fi flus kontanti mill-istituzzjoni kompetenti stabbilita mill-Artikolu 28(2) [tal-istess regolament], fejn tali benefiċċju (jekk dovut) ikun pagabbli lill-membru tal-familja (u mhux pagabbli lill-pensjonant)?

e) Jekk applikabbli [minħabba r-risposta għad-domandi (a) sa (d) iktar 'il fuq], l-applikazzjoni ta' kundizzjoni prevista mil-leġiżlazzjoni ta' sigurtà soċjali nazzjonali li tillimita l-kisba inizjali ta' dritt għal benefiċċju tal-mard għal dawk li jkunu kkompletaw perijodu meħtieġ ta' preżenza preċedenti fl-Istat Membru kompetenti fi żmien preċedenti definit, hija kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 19 u/jew 28 tar-Regolament Nru 1408/71?

3) Jekk ir-risposta għall-ewwel domanda hija li tali benefiċċju għandu jitqies bħala benefiċċju tal-invalidità, il-kliem tal-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1408/71 li jirreferi għal benefiċċji 'miksuba skond il-leġislazzjoni ta' Stat Membru wieħed jew iktar' ifisser li l-Istati Membri jibqa' jkollhom id-dritt, taħt ir-Regolament Nru 1408/71, li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-kisba inizjali ta' tali benefiċċji tal-invalidità li huma bbażati fuq ir-residenza fl-Istat Membru jew fuq prova tal-preżenza passata matul perijodi meħtieġa fl-Istat Membru, b'mod li rikorrent [applikant] ma jistax l-ewwel isostni li għandu dritt għal tali benefiċċju minn Stat Membru ieħor?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

29 Bl-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk benefiċċju tal-invalidità mogħti għal żmien qasir lil żgħażagħ b'diżabbiltà, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jikkostitwixix benefiċċju tal-mard jew benefiċċju tal-invalidità fis-sens tar-Regolament Nru 1408/71.

30 Għalhekk, preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li din id-domanda ma tikkonċernax is-sistema ġenerali tal-benefiċċji tal-invalidità mogħtija abbażi tal-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq, iżda hija relatata b'mod speċifiku mal-benefiċċju tal-invalidità għal żgħażagħ b'diżabbiltà, li għandu karatteristiċi u kundizzjonijiet għall-għoti distinti, hekk kif jirriżulta mill-punti 10 sa 17 ta' din is-sentenza.

31 B'mod konformi mal-Artikolu 4(1)(a) u (b), tar-Regolament Nru 1408/71, dan ir-regolament japplika għal-leġiżlazzjonijiet dwar l-oqsma tas-sigurtà soċjali li jikkonċernaw, rispettivament, il-benefiċċji tal-mard u l-benefiċċji tal-invalidità, inklużi dawk li huma għall-manteniment jew it-titjib fil-kapaċità tal-qligħ (tal-flus).

32 Skont ġurisprudenza kostanti, benefiċċju jista' jitqies li huwa benefiċċju tas-sigurtà soċjali fil-każ fejn huwa konċess lill-benefiċjarji indipendentement minn kull evalwazzjoni individwali u diskrezzjonali tal-bżonnijiet personali, fuq il-bażi ta' sitwazzjoni legalment definita, u fejn huwa relatat ma' wieħed mir-riskji espressament elenkati fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 1408/71 (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-21 ta' Frar 2006, Hosse, C-286/03, Ġabra p. I-1771, punt 37; tat-18 ta' Diċembru 2007, Habelt *et*, C-396/05, C-419/05 u C-450/05, Ġabra p. I-11895, punt 63, kif ukoll tal-11 ta' Settembru 2008, Petersen, C-228/07, Ġabra p. I-6989, punt 19).

33 F'din il-kawża, ma huwiex ikkontestat li dan huwa l-każ tal-benefiċċju inkwistjoni fil-kawża prinċipali, peress li l-għoti tiegħu jiddependi mill-kriterji oġġettivi ddefiniti legalment fl-Artikolu 30A(2A) tal-SSCBA, l-awtoritajiet kompetenti ma għandhomx setgħa ta' evalwazzjoni individwali tal-bżonnijiet tal-applikant, u dan il-benefiċċju huwa ddestinat li jkopri, skont il-każ, ir-riskju ta' mard jew dak ta' invalidità, li jissemmew fl-Artikolu 4(1)(a) u (b) tar-Regolament Nru 1408/71.

34 Barra minn hekk, ma huwiex ikkontestat li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali tidħol fil-kamp ta' applikazzjoni personali tar-Regolament Nru 1408/71, kif definit fl-Artikolu 2(1) tiegħu.

35 Fir-rigward tad-determinazzjoni preċiża tan-natura tal-benefiċċju inkwistjoni fil-kawża prinċipali, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-ħtieġa ta' applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni jimplika li l-kunċetti li jirreferi għalihom dan id-dritt ma jvarjawx skont il-partikolaritajiet ta' kull dritt nazzjonali, iżda huma bbażati fuq kriterji oġġettivi, iddefiniti f'kuntest partikolari għad-dritt tal-Unjoni. B'mod konformi ma' dan il-prinċipju, il-kunċetti ta' benefiċċji tal-mard u tal-invalidità, skont l-Artikolu 4(1)(a) u (b) tar-Regolament Nru 1408/71, għandhom jiġu ddeterminati, għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dan ir-regolament, mhux skont it-tip ta' leġiżlazzjoni nazzjonali fejn jinsabu d-dispożizzjonijiet interni li jistabbilixxu dawn il-benefiċċji, iżda abbażi tar-regoli proprji tad-dritt tal-Unjoni li jiddefinixxu l-elementi li jikkostitwixxu l-benefiċċji msemmija (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Jannar 1980, Jordens-Vosters, 69/79, Ġabra p. 75, punt 6).

36 F'dan ir-rigward, biex issir distinzjoni bejn id-diversi kategoriji ta' benefiċċji ta' sigurtà soċjali, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni r-riskju kopert minn kull benefiċċju (sentenza tat-18 ta' Lulju 2006, De Cuyper, C-406/04, Ġabra p. I-6947, punt 27).

37 Hekk kif josservaw ġustament il-Gvern tar-Renju Unit u l-Kummissjoni Ewropea, benefiċċju tal-mard, skont l-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament Nru 1408/71, ikopri riskju marbut ma' stat patoloġiku li jinvolvi sospensjoni temporanja tal-attivitajiet tal-persuna interessata.

38 Min-naħa l-oħra, benefiċċju tal-invalidità, skont l-Artikolu 4(1)(b) tar-regolament imsemmi, huwa intiż, bħala regola ġenerali, sabiex ikopri r-riskju ta' inkapaċità ta' livell stabbilit, meta jkun probabbli li din l-inkapaċità tkun permanenti jew fit-tul (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2006, Chacón Navas, C-13/05, Ġabra p. I-6467, punt 45).

39 Id-dubji li għandha l-qorti tar-rinviju fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-benefiċċju tal-invalidità għal żmien qasir għal żgħażagħ b'diżabbiltà bħala benefiċċju tal-mard jew tal-invalidità, skont l-Artikolu 4(1)(a) u (b) tar-Regolament Nru 1408/71, ġejjin mill-fatt li dan il-benefiċċju jifforma parti minn leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi ħlas f'żewġ stadji, l-ewwel wieħed, imsejjaħ benefiċċju tal-invalidità għal żmien qasir, għal tul massimu ta' 364 ġurnata, u t-tieni wieħed imsejjaħ benefiċċju tal-invalidità għal żmien twil, għal tul illimitat sal-mument meta l-applikant jilħaq l-età legali tal-irtirar.

40 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, hekk kif tikkonstata l-qorti tar-rinviju, li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali, l-istess bħall parti l-kbira tal-persuni li applikaw sabiex jibbenefikaw mill-benefiċċju tal-invalidità mogħti għal żmien qasir lil żgħażagħ b'diżabbiltà, ma hijiex kapaċi li taħdem u qatt ma eżerċitat attività professjonali. Din hija, skont din il-qorti, karatteristika ordinarja tal-applikanti li għandhom dritt għal dan il-benefiċċju.

41 Il-qorti tar-rinviju tenfasizza wkoll li, fl-iskadenza tal-perijodu tal-ħlas tal-benefiċċju tal-invalidità mogħti għal żmien qasir lil żgħażagħ b'diżabbiltà, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, kif ukoll il-parti l-kbira tal-persuni li għandhom dritt għal dan il-benefiċċju, tibbenefika b'mod inevitabbli, minħabba n-natura permanenti tad-diżabbiltà tagħha, mill-benefiċċju tal-invalidità għal żmien twil.

42 Fil-fatt, mill-proċess ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li jekk jingħata l-benefiċċju tal-invalidità mogħti għal żmien qasir lil żgħażagħ b'diżabbiltà, dan jinbidel, fl-iskadenza tal-perijodu tal-ħlas tiegħu, f'benefiċċju tal-invalidità għal żmien twil, bl-unika kundizzjoni li d-diżabbiltà tal-applikant tibqa' teżisti. Madankollu, l-applikant ma jistax jippretendi l-benefiċċju tal-invalidità għal żmien twil mill-bidu, anki jekk huwa stabbilit li huwa eliġibbli għalih, fid-dawl tan-natura permanenti jew fit-tul tad-diżabbiltà tiegħu. Għalhekk, għall-applikant li għandu tali diżabbiltà, il-benefiċċju tal-invalidità mogħti għal żmien qasir lil żgħażagħ b'diżabbiltà jikkostitwixxi biss stadju preliminari sabiex dan ikun jista' jippretendi, fl-iskadenza tat-terminu tal-perijodu ta' ħlas tiegħu, il-benefiċċju tal-invalidità għal żmien twil.

43 Għalhekk, f'każ bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn l-applikant ikollu diżabbiltà permanenti jew fit-tul, il-benefiċċji tal-invalidità għal żmien qasir u għal żmien twil għal żgħażagħ b'diżabbiltà jinsabu neċessarjament f'kuntest ta' kontinwità.

44 Fil-fatt, il-qorti tar-rinviju enfasizzat li l-benefiċċji ta' invalidità għal żmien qasir u għal żmien twil jikkostitwixxu benefiċċju uniku minkejja l-metodi ta' applikazzjoni tagħhom.

45 Konsegwentement, f'każ, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn huwa stabbilit, sa minn meta ssir l-applikazzjoni, li l-applikant għandu diżabbiltà permanenti jew fit-tul, il-benefiċċju tal-invalidità mogħti għal żmien qasir lil żgħażagħ b'diżabbiltà għandu, b'kunsiderazzjoni tar-rabta ta' kontinwità bejn dan u l-benefiċċju tal-invalidità għal żmien twil, il-karatteristiċi ta' benefiċċju tal-invalidità skont l-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament Nru 1408/71.

46 Din il-konklużjoni hija kkorroborata kemm mill-għan u mill-iskop tal-benefiċċju tal-invalidità mogħti għal żmien qasir lil żgħażagħ b'diżabbiltà, kif ukoll mill-bażi ta' kalkolu u mill-kundizzjonijiet għall-għoti tiegħu (ara, b'analoġija, is-sentenzi tal-5 ta' Lulju 1983, Valentini, 171/82, Ġabra p. 2157, punt 13; De Cuyper, iċċitata iktar 'il fuq, punt 25, u Petersen, iċċitata iktar 'il fuq, punt 21).

47 Qabel kollox, f'dak li jirrigwarda l-għan u l-iskop tal-benefiċċju tal-invalidità mogħti għal żmien qasir lil żgħażagħ b'diżabbiltà, għandu jiġi rrilevat li dan ħa l-post tal-benefiċċju għal diżabilità gravi. Il-benefiċjarji ta' dan il-benefiċċju huma l-persuni li għandhom minn 16 sa 25 sena li huma inkapaċi li jaħdmu minħabba mard jew diżabbiltà.

48 Madankollu, il-persuni li għandhom dritt għal allowance legali tal-mard huma esklużi, abbażi tal-Anness 12(1) tal-SSCBA, mill-imsemmi benefiċċju. Għalhekk, il-persuni inkapaċi għax-xogħol minħabba aggravament temporanju fis-saħħa tagħhom u li fl-istess ħin jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-għoti kemm tal-allowance legali tal-mard kif ukoll tal-benefiċċju tal-invaliditàmogħti għal żmien qasir lil żgħażagħ b'diżabbiltà, jirċievu, bħala regola ġenerali, l-ewwel u mhux it-tieni benefiċċju.

49 Barra minn hekk, mill-proċess ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jidher li l-benefiċċju huwa intiż sabiex l-applikant jikseb mezzi finanzjarji li jippermettulu li jaqdi l-bżonnijiet tiegħu. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviu tippreċiża li, diiversament minn benefiċċju tal-mard, il-benefiċċju tal-invaliditàmogħti għal żmien qasir lil żgħażagħ b'diżabbiltà ma għandux l-għan li jieħu l-post ta' dħul matul interruzzjoni ta' riżorsi, peress li l-parti l-kbira tal-benefiċjarji minn dan il-benefiċċju, l-istess bħar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, qatt ma ħadmu. Konsegwentement, skont il-qorti msemmija, ma hemm la dħul li għandu jiġi sostitwit u lanqas interruzzjoni tar-riżorsi.

50 Sussegwentement, f'dak li jirrigwarda l-kundizzjonijiet għall-għoti tal-benefiċċju msemmi, dawn huma relatati, essenzjalment, skont l-Artikolu 30A(2A) tal-SSCBA, mal-età tal-applikant, mal-inkapaċità tiegħu għax-xogħol, mal-fatt li dan ma jibbenefikax minn tagħlim *full time* kif ukoll ma' ħtiġijiet fir-rigward ta' residenza u ta' preżenza fil-Gran Brittanja. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li dawn il-kundizzjonijiet ma jvarjawx skont jekk japplikax il-benefiċċju tal-invaliditàgħal żmien qasir jew twil għal żgħażagħ b'diżabbiltà. Fil-fatt, il-benefiċċju tal-invaliditàgħal żmien twil jikkostitwixxi l-kontinwità tal-benefiċċju tal-invaliditàgħal żmien qasir mingħajr ma hemm il-bżonn li jiġi pprovat mill-ġdid li l-kundizzjonijiet imsemmija huma sodisfatti, sa kemm tibqa' teżisti l-inkapaċità għax-xogħol.

51 Finalment, fir-rigward tal-bażi ta' kalkolu tal-benefiċċju tal-invaliditàgħal żgħażagħ b'diżabbiltà kemm għal żmien qasir kif ukoll għal żmien twil, għandu jiġi osservat li dan huwa benefiċċju li jitħallas kull ġimgħa, li l-ammont tiegħu ma jiddependi la mir-riżorsi tal-benefiċjarju, u lanqas mill-istat tal-kontribuzzjonijiet tiegħu. Dan l-ammont huwa ffissat skont tliet rati differenti applikabbli rispettivament matul l-ewwel nofs

tal-perijodu tal-ħlas tal-benefiċċju tal-invalidità mogħti għal żmien qasir lil żgħażagħ b'diżabbiltà, matul it-tieni nofs ta' dan il-perijodu, u matul il-perijodu tal-ħlas tal-benefiċċju tal-invalidità għal żmien twil.

52 Il-fatt li japplikaw rati differenti għall-benefiċċji tal-invalidità għal żgħażagħ b'diżabbiltà għal żmien qasir u għal żmien twil ma huwiex biżżejjed biex jiġi konkluż li n-natura tal-benefiċċju tinbidel skont ir-rata applikabbli peress li, f'dan il-każ, jeżistu żewġ rati differenti fi ħdan l-istess benefiċċju tal-invalidità mogħti għal żmien qasir lil żgħażagħ b'diżabbiltà, hekk kif jirriżulta mill-punt preċedenti. F'kull każ, għandu jiġi enfasizzat, hekk kif jirriżulta mill-punt 44 ta' din is-sentenza, li l-benefiċċji tal-invalidità għal żmien qasir u għal żmien twil jikkostitwixxu, minkejja l-istruttura interna tagħhom, benefiċċju uniku.

53 Għalhekk, għandu jiġi kkonstatat li kemm mill-għan u mill-iskop tal-benefiċċju tal-invalidità għal żmien qasir jew għal żmien twil kif ukoll mill-kundizzjonijiet għall-għoti tiegħu jirriżulta li, f'sitwazzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali, fejn ikun stabbilit, sa minn meta ssir l-applikazzjoni, li l-applikant għandu diżabbiltà permanenti jew fit-tul, u minkejja l-fatt li l-benefiċċju msemmi jitħallas f'żewġ stadji suċċessivi, dan huwa relatat direttament mar-riskju tal-invalidità msemmi fl-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament Nru 1408/71.

54 Fid-dawl ta' dak li ntqal, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li benefiċċju tal-invalidità mogħti għal żmien qasir lil żgħażagħ b'diżabbiltà, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jikkostitwixxi benefiċċju tal-invalidità skont l-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament Nru 1408/71 jekk ikun stabbilit, sa minn meta ssir l-applikazzjoni, li l-applikant għandu diżabbiltà permanenti jew fit-tul.

Fuq it-tieni domanda

55 Fid-dawl tar-risposta mogħtija għall-ewwel domanda, ma hemmx lok li tingħata risposta għat-tieni domanda.

Fuq it-tielet domanda

56 Bit-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk, fil-każ fejn benefiċċju tal-invalidità mogħti għal żmien qasir lil żgħażagħ b'diżabbiltà, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jitqies bħala benefiċċju tal-invalidità, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 1408/71 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi lil Stat Membru milli jissuġġetta l-għoti tal-benefiċċju msemmi għal kundizzjonijiet ta' residenza abitwali u ta' residenza preċedenti tal-applikant fit-territorju tiegħu.

57 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-għoti tal-benefiċċju tal-invalidità mogħti għal żmien qasir lil żgħażagħ b'diżabbiltà huwa suġġett, b'mod partikolari, għat-tliet kundizzjonijiet segwenti:

— li l-applikant ikun residenti abitwali fil-Gran Brittanja;

— li kien kien preżenti fil-Gran Brittanja matul perijodu jew perijodi li jirrappreżentaw tul totali ta' mill-inqas 26 ġimgħa matul it-52 ġimgħa immedjatament preċedenti għad-data meta saret l-applikazzjoni intiża għall-benefiċċju inkwistjoni, u

— li jkun preżenti fil-Gran Brittanja f'din id-data.

58 Għandu jiġi ppreċiżat li dawn il-kundizzjonijiet jirrigwardaw il-kisba tal-benefiċċju inkwistjoni u mhux iż-żamma tiegħu.

Fuq il-kundizzjoni tar-residenza abitwali

59 Hekk kif jirriżulta mir-risposta mogħtija għall-ewwel domanda, il-benefiċċju tal-invalidità mogħti għal żmien qasir lil żgħażagħ b'diżabbiltà għandu jitqies, f'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża prinċipali, bħala benefiċċju tal-invalidità għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1408/71. Bħala tali, dan jidħol fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 10 ta' dan ir-regolament. Skont l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' din id-dispożizzjoni, "[g]ħajr fejn provdut xorta oħra f'dan ir-Regolament, il-benefiċċji fi flus għall-invalidità […], miksuba skond il-leġislazzjoni ta' Stat Membru wieħed jew iktar għandhom ikunu bla ħsara għal kull tnaqqis, modifika, żamma, treġġigħ lura jew konfiska minħabba l-fatt illi min jirċevihom jirrisjedi fit-territorju ta' Stat Membru ieħor għajr dak li fih tinsab l-istituzzjoni responsabbli għall-ħlas".

60 F'dan ir-rigward, il-Gvern tar-Renju Unit josserva li r-Regolament Nru 1408/71 jistabbilixxi sistema ta' koordinazzjoni, li abbażi tagħha l-Istati Membri jibqugħ kompetenti sabiex jiddefinixxu l-kundizzjonijiet għall-għoti tal-benefiċċji ta' sigurtà soċjali, sa kemm il-kundizzjonijiet ma jwasslu għal ebda diskriminazzjoni bejn il-ħaddiema tal-Unjoni. B'hekk, dan ir-regolament jippermetti li tiġi stabbilita distinzjoni bejn il-kisba ta' benefiċċju, min-naħa waħda, u ż-żamma ta' benefiċċju diġà miksub, min-naħa l-oħra. Il-kliem tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tar-regolament imsemmi jikkonferma li din id-dispożizzjoni ma għandha ebda impatt fuq il-kundizzjonijiet għall-kisba tad-dritt għal benefiċċju tal-invalidità.

61 Dan l-argument ma jistax jirnexxi. Fil-fatt, hekk kif diġà rrilevat il-Qorti tal-Ġustizzja, l-għan tad-dispożizzjoni tal-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1408/71 huwa li l-persuni

interessati jiġu protetti mill-preġudizzji li jistgħu jirriżultaw mit-trasferiment tar-residenza tagħhom minn Stat Membru għal ieħor. Minn dan il-prinċipju jirriżulta mhux biss li l-persuna interessata żżomm id-dritt li tibbenefika mill-benefiċċji msemmija f'din id-dispożizzjoni miksuba abbażi tal-leġiżlazzjoni ta' wieħed jew iktar mill-Istati Membri, anki wara li tkun stabbilixxiet ir-residenza tagħha fi Stat Membru ieħor, iżda anki li l-kisba ta' tali dritt ma tistax tiġi miċħuda lilha għall-unika raġuni li din ma hijiex residenti fit-territorju tal-Istat fejn tinsab l-istituzzjoni responsabbli għall-ħlas (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-7 ta' Novembru 1973, Smieja, 51/73, Ġabra p. 1213, punti 20 sa 22; tal-10 ta' Ġunju 1982, Camera, 92/81, Ġabra p. 2213, punt 14, kif ukoll tal-24 ta' Frar 1987, Giletti *et*, 379/85 sa 381/85 u 93/86, Ġabra p. 955, punt 15).

62 Il-Qorti tal-Ġustizzja kellha wkoll l-okkażjoni li tiddeċiedi li, kuntrarjament għal dak li jippretendi l-Gvern tar-Renju Unit, l-imsemmi Artikolu 10 jipprekludi li kemm il-ħolqien kif ukoll iż-żamma tad-dritt għall-benefiċċji msemmija f'din id-dispożizzjoni jiġu rifjutati għall-unika raġuni li l-persuna interessata ma hijiex residenti fit-territorju tal-Istat Membru fejn tinsab l-istituzzjoni responsabbli għall-ħlas (sentenza tal-20 ta' Ġunju 1991, Newton, C-356/89, Ġabra p. I-3017, punt 23).

63 Barra minn hekk, jekk l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' tneħħija tal-klawżoli ta' residenza stabbilit fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 1408/71 tkun tiddependi mill-kwistjoni jekk tali klawżoli humiex imposti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali bħala kundizzjoni għall-kisba tal-benefiċċji msemmija f'din id-dispożizzjoni jew bħala kundizzjoni għaż-żamma tagħhom, dan iwassal sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jxejnu l-effett utli ta' dan il-prinċipju billi jagħżlu li jikkwalifikaw il-klawżola ta' residenza imposta minnhom bħala kundizzjoni għall-għoti tal-benefiċċji pjuttost milli bħala kundizzjoni għaż-żamma tagħhom, sabiex ineħħu benefiċċju partikolari mill-kamp ta' applikazzjoni tal-prinċipju msemmi.

64 Il-fatt li l-benefiċċju tal-invalidità mogħti għal żmien qasir lil żgħażagħ b'diżabbiltà huwa benefiċċju ta' natura mhux kontributorja peress li dan jingħata indipendentement mill-istat tal-kontribuzzjonijiet tal-applikanti ma jpoġġix indiskussjoni l-evalwazzjoni preċedenti.

65 Fil-fatt, mill-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1408/71 jirriżulta li bħala prinċipju, dan ir-regolament japplika għall-iskemi ta' sigurtà soċjali kemm ta' natura kontributorja kif ukoll ta' natura mhux kontributorja.

66 Barra minn hekk, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 1408/71 jipprekludi lill-istituzzjonijiet kompetenti, f'termini ġenerali, milli jwettqu tnaqqis, modifika, żamma, treġġiegħ lura jew konfiska tal-benefiċċji tal-invalidità minħabba li l-benefiċjarju jkun residenti fit-territorju ta' Stat Membru differenti minn dak fejn tkun tinsab l-istituzzjoni responsabbli għall-ħlas. L-uniċi eċezzjonijiet li jolqtu lil din il-preklużjoni huma dawk espressament stabbiliti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Giletti *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 16).

67 Tali eċċezzjoni hija stabbilita fl-Artikolu 10a tar-Regolament Nru 1408/71. Din id-dispożizzjoni tipprovdi li l-persuni li jifformaw parti mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament jistgħu jibbenefikaw mill-benefiċċji speċjali ta' natura mhux kontributorja stabbiliti fl-Artikolu 4(2a) tar-regolament imsemmi, esklużivament fit-territorju tal-Istat Membru li dawn ikunu jirresjedu fih u abbażi tal-leġiżlazzjoni ta' dan l-Istat, sa kemm dawn il-benefiċċji jissemmew fl-Anness II tal-istess regolament. Il-benefiċċju tal-invalidità mogħti għal żmien qasir lil żgħażagħ b'diżabbiltà ma jissemmiex f'dan l-anness. Konsegwentement, il-prinċipju stabbilit fl-Artikolu 10a tar-Regolament Nru 1408/71 li jgħid li l-benefiċċji speċjali ta' natura mhux kontributorja ma humiex esportabbli ma japplikax għall-benefiċċju inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

68 Peress li ebda dispożizzjoni oħra tar-regolament imsemmi ma tippermetti lill-Istati Membri li jidderogaw, f'sitwazzjoni bħal dik ta' L. Stewart, mill-prinċipju ta' tneħħija tal-klawżoli ta' residenza stabbilita fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tal-istess regolament, isegwi li l-benefiċċji tal-invalidità jibqgħu, bħala prinċipju, esportabbli fi Stat Membru differenti minn dak fejn tinsab l-istituzzjoni responsabbli għall-ħlas (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Novembru 1997, Snares, C-20/96, Ġabra p. I-6057, punt 40, u Petersen, iċċitata iktar 'il fuq, punt 38).

69 Għalhekk, il-benefiċċju tal-invalidità mogħti għal żmien qasir lil żgħażagħ b'diżabbiltà ma huwiex indipendenti mill-prinċipju tat-tneħħija tal-klawżoli ta' residenza stabbilit fl-ewwel subparagrafu tal-imsemmi Artikolu 10(1), li jipprekludi, hekk kif jirriżulta mill-punti 61 u 62 ta' din is-sentenza, li kemm il-ħolqien kif ukoll iż-żamma tad-dritt għall-benefiċċji msemmija f'din id-dispożizzjoni jiġu rrifjutati għall-unika raġuni li l-applikant jirrisjedi fi Stat Membru differenti mill-Istat Membru kompetenti.

70 Konsegwentement, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 1408/71 jipprekludi li l-kisba tad-dritt għall-benefiċċju tal-invalidità mogħti għal żmien qasir lil żgħażagħ b'diżabbiltà jkun suġġett għal kundizzjoni ta' residenza abitwali fit-territorju tal-Istat Membru kompetenti.

Fuq il-kundizzjoni ta' preżenza preċedenti

71 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali u l-Kummissjoni jqisu li l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 1408/71 jipprekludi mhux biss kundizzjoni ta' residenza abitwali fit-territorju tal-Istat Membru kompetenti, iżda anki kundizzjoni ta' preżenza preċedenti fuq dan it-territorju. Skonthom, ma hemmx lok għalfejn issir distinzjoni bejn dawn iż-żewġ kundizzjonijiet, peress li l-kundizzjoni ta' preżenza preċedenti għandha titqies bħala kundizzjoni ta' residenza temporanja sa fejn din teħtieġ li l-applikant kien preżenti fil-Gran Brittanja matul ċertu perijodu.

72 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 1408/71 jirreferi għall-klawżoli ta' residenza, hekk kif jirriżulta b'mod partikolari mit-titolu tiegħu. Issa, għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-regolament imsemmi, it-terminu "residenza" jfisser, b'mod konformi mal-Artikolu 1(h) tiegħu, il-"post abitwali ta' residenza".

73 Huwa minnu li, f'ċerti każijiet, kundizzjoni ta' preżenza preċedenti tista' tkun ekwivalenti, fil-prattika, għal klawżola ta' residenza abitwali, meta, b'mod partikolari, tali kundizzjoni tkun teħtieġ perijodi twal ta' preżenza fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat u/jew meta l-imsemmija kundizzjoni għandha tkun sodisfatta matul il-perijodu kollu tal-ħlas tal-benefiċċju inkwistjoni. Issa, f'tali każijiet, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 1408/71 jipprekludi wkoll kundizzjoni ta' preżenza preċedenti sa fejn din tista' tiġi pparagunata ma' klawżola ta' residenza fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

74 F'dan il-każ, teżisti, hekk kif jirriżulta mill-punti 17 u 57 ta' din is-sentenza, kundizzjoni ta' preżenza fil-Gran Brittanja matul perijodu jew perijodi li jirrappreżentaw tul totali ta' mill-inqas 26 ġimgħa matul it-52 ġimgħa immedjatament qabel id-data tal-applikazzjoni intiża għall-benefiċċju inkwistjoni, fejn din il-kundizzjoni għandha tkun sodisfatta biss fil-mument meta ssir din l-applikazzjoni. Peress li l-kundizzjoni ta' preżenza preċedenti ma hijiex neċessarjament "klawżola ta' residenza" skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 1408/71, għandha tiġi eżaminata l-konformità tagħha mad-dispożizzjonijiet rilevanti l-oħra tad-dritt tal-Unjoni.

75 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li r-Regolament Nru 1408/71 ma jorganizzax skema komuni ta' sigurtà soċjali, iżda jħalli jissussistu skemi nazzjonali distinti u għandu bħala għan biss li jassigura koordinazzjoni bejniethom (sentenzi tal-5 ta' Lulju 1988, Borowitz, 21/87, Ġabra p. 3715, punt 23; tat-3 ta' April 2008, Chuck, C-331/06, Ġabra p. I-1957, punt 27, u Petersen, iċċitata iktar 'il fuq, punt 41). B'hekk, skont ġurisprudenza stabbilita, l-Istati Membri jżommu l-kompetenza tagħhom sabiex ifasslu s-sistemi ta' sigurtà soċjali tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-7 ta' Frar 1984, Duphar *et*, 238/82, Ġabra p. 523, punt 16; tas-17 ta' Ġunju 1997, Sodemare *et*, C-70/95, Ġabra p. I-3395, punt 27, kif ukoll tal-1 ta' April 2008, Gouvernement de la Communauté française u gouvernement wallon, C-212/06, Ġabra p. I-1683, punt 43).

76 Għalhekk, fin-nuqqas ta' armonizzazzjoni fil-livell tal-Unjoni, hija l-leġiżlazzjoni ta' kull Stat Membru li għandha tiddetermina, min-naħa waħda, il-kundizzjonijiet tad-dritt jew tal-obbligu ta' affiljazzjoni ma' skema ta' sigurtà soċjali u, min-naħa l-oħra, il-kundizzjonijiet li jagħtu dritt għal benefiċċji (sentenza tat-28 ta' April 1998, Kohll, C-158/96, Ġabra p. I-1931, punt 18 u l-ġurisprudenza ċċitata).

77 Madankollu, fl-eżerċizzju ta' din il-kompetenza, l-Istati Membri għandhom josservaw id-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar il-libertà rrikonoxxuta lil kull ċittadin tal-Unjoni ta' moviment u ta' residenza fit-territorju tal-Istati Membri (ara, b'analoġija, is-sentenzi tad-29 ta' April 2004, Pusa, C-224/02, Ġabra p. I-5763, punt 19, kif ukoll tas-26 ta' Ottubru 2006, Tas-Hagen u Tas, C-192/05, Ġabra p. I-10451, punt 22).

78 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li l-Artikolu 20 TFUE jikkonferixxi lil kull persuna li għandha n-nazzjonalità ta' Stat Membru l-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-11 ta' Lulju 2002, D'Hoop, C-224/98, Ġabra p. I-6191, punt 27, u tat-8 ta' Marzu 2011, Ruiz Zambrano, C-34/09, Ġabra p. I-1177, punt 40). Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, li għandha n-nazzjonalità ta' Stat Membru, tibbenefika minn dan l-istatus.

79 Għandu jiġi indikat li, anki jekk il-qorti tar-rinviju limitat id-domanda tagħha għall-interpretazzjoni tar-Regolament Nru 1408/71, ċirkustanza bħal din ma hijiex ta' ostaklu għall-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tipprovdi lill-qorti nazzjonali l-elementi kollha ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li jistgħu jiġu użati sabiex il-kawża li hija jkollha quddiemha tiġi deċiża, indipendentement minn jekk hija tagħmilx jew le riferiment għall-formulazzjoni tad-domandi li hija tkun irrinvijat (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-12 ta' Diċembru 1990, SARPP, C-241/89, Ġabra p. I-4695, punt 8; tal-21 ta' Frar 2006, Ritter-Coulais, C-152/03, Ġabra p. I-1711, punt 29, u tas-26 ta' April 2007, Alevizos, C-392/05, Ġabra p. I-3505, punt 64).

80 L-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni huwa intiż sabiex ikun l-istatus fundamentali taċ-ċittadini tal-Istati Membri li jippermetti lil dawk fost dawn tal-aħħar li jinsabu fl-istess sitwazzjoni li jiksbu fil-qasam tal-applikazzjoni *ratione materiae* tat-Trattat, indipendentement min-nazzjonalità tagħhom u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet espressament previsti f'dan ir-rigward, l-istess trattament ġuridiku (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-20 ta' Settembru 2001, Grzelczyk, C-184/99, Ġabra p. I-6193, punt 31, D'Hoop, iċċitata iktar 'il fuq, punt 28, u tat-23 ta' April 2009, Rüffler, C-544/07, Ġabra p. I-3389, punt 62).

81 Fost is-sitwazzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tad-dritt tal-Unjoni hemm dawk li jirrigwardaw l-eżerċizzju tal-libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattati, b'mod partikolari dawk li jirrigwardaw il-moviment liberu u l-libertà ta' residenza fit-territorju tal-Istati Membri kif stabbiliti mill-Artikolu 21 TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Grzelczyk, punt 33; D'Hoop, punt 29, kif ukoll Rüffler, punt 63 u l-ġurisprudenza ċċitata).

82 Fil-kawża prinċipali, huwa stabbilit li L. Stewart, fil-kwalità tagħha bħala ċittadin tal-Unjoni, eżerċitat il-libertà ta' moviment u ta' residenza tagħha fi Stat Membru differenti mill-Istat Membru tal-oriġini tagħha.

83 Peress li ċittadin tal-Unjoni għandu jingħata, fl-Istati Membri kollha, l-istess trattament ġuridiku bħal dak mogħti liċ-ċittadini ta' dawn l-Istati Membri li jinsabu fl-istess sitwazzjoni, ikun inkompatibbli mad-dritt tal-moviment liberu li kieku dan kellu jirċievi, fl-Istat Membru taċ-ċittadinanza tiegħu, trattament inqas favorevoli minn dak li kien jibbenefika minnu li kieku ma għamilx użu mill-opportunitajiet mogħtija mit-Trattat fil-qasam tal-moviment liberu (sentenzi ċċitati iktar 'il fuq D'Hoop, punt 30, u Pusa, punt 18).

84 Dawn l-opportunitajiet ma jkunux jistgħu jipproduċu l-effett sħiħ tagħhom li kieku ċittadin ta' Stat Membru seta' jiġi dissważ milli jagħmel użu minnhom permezz

tal-ostakoli maħluqa għal-libertà ta' moviment u ta' residenza tiegħu fi Stat Membru ieħor minħabba leġiżlazzjoni nazzjonali li tippenalizza l-fatt li huwa jkun eżerċitahom (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq D'Hoop, punt 31; Pusa, punt 19; Tas-Hagen u Tas, punt 30; tal-4 ta' Diċembru 2008, Zablocka-Weyhermüller, C-221/07, Ġabra p. I-9029, punt 34, kif ukoll Rüffler, iċċitata iktar 'il fuq, punt 65).

85 Leġiżlazzjoni, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tissuġġetta l-kisba tad-dritt għall-benefiċċju tal-invalidità mogħti għal żmien qasir lil żgħażagħ b'diżabbiltà għall-kundizzjoni ta' preżenza preċedenti tista', min-natura tagħha stess, tiddiswadi lill-applikanti, bħar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, milli jeżerċitaw il-libertà ta' moviment u ta' residenza tagħhom billi jitilqu mill-Istat Membru li huma ċittadini tiegħu sabiex imorru jirrisjedu fi Stat Membru ieħor. Fil-fatt, għalkemm l-applikanti li ma użawx il-faċilitajiet mogħtija lilhom mit-Trattat fir-rigward tal-moviment u tar-residenza jistgħu faċilment jissodisfaw il-kundizzjoni msemmija iktar 'il fuq, dan ma huwiex il-każ għall-applikanti li għamlu użu minnhom. Effettivament, hemm probabbiltà kbira li dawn tal-aħħar, minħabba li marru jirrisjedu fi Stat Membru ieħor, ma jissodisfawx il-kundizzjoni msemmija.

86 Leġiżlazzjoni nazzjonali bħal din, li tiżvantaġġa ċerti ċittadini ta' Stat Membru sempliċement minħabba li huma eżerċitaw il-libertà ta' moviment u ta' residenza tagħhom fi Stat Membru ieħor, tammonta għal restrizzjoni għal-libertajiet mogħtija lil kull ċittadin tal-Unjoni mill-Artikolu 21(1) TFUE (ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq D'Hoop, punt 35; Pusa, punt 20; De Cuyper, punt 39, u Rüffler, punt 73).

87 Tali restrizzjoni tista' tiġi ġġustifikata biss, fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni, jekk tkun ibbażata fuq kunsiderazzjonijiet oġġettivi indipendenti min-nazzjonalità tal-persuni kkonċernati u tkun proporzjonata għall-għan leġittimu li d-dritt nazzjonali jfittex li jilħaq (ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq De Cuyper, punt 40; Tas-Hagen u Tas, punt 33; Zablocka-Weyhermüller, punt 37, kif ukoll Rüffler, punt 74).

88 F'dan ir-rigward, il-Gvern tar-Renju Unit iqis li jeżistu ġustifikazzjonijiet oġġettivi li jippermettu li l-ksib tad-dritt għall-benefiċċju tal-invalidità mogħti għal żmien qasir lil żgħażagħ b'diżabbiltà jiġi ssuġġettat għall-kundizzjoni ta' preżenza preċedenti fit-territorju tal-Istat Membru kompetenti. Fil-fatt, il-leġiżlazzjoni nazzjonali għandha bħala għan li tiżgura, min-naħa waħda, l-eżistenza ta' rabta effettiva kontinwa bejn dan l-Istat Membru u l-benefiċjarju tal-benefiċċju u, min-naħa l-oħra, il-bilanċ finanzjarju tas-sistema ta' sigurtà soċjali nazzjonali.

89 Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li huwa leġittimu għal-leġiżlatur nazzjonali li jkun jixtieq jiżgura ruħu li jkun hemm rabta reali bejn l-applikant għal benefiċċju u l-Istat Membru kompetenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi D'Hoop, iċċitata iktar 'il fuq, punt 38, u tat-23 ta' Marzu 2004, Collins, C-138/02, Ġabra p. I-2703, punt 67), kif ukoll li jiżgura l-bilanċ finanzjarju tas-sistema ta' sigurtà soċjali nazzjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Kohll, punt 41, u Petersen, punt 57).

90 Isegwi li l-għanijiet segwiti minn leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, intiżi sabiex tistabbilixxi rabta reali bejn l-applikant għal benefiċċju tal-invalidità mogħti għal żmien qasir lil żgħażagħ b'diżabbiltà u l-Istat Membru kompetenti, kif ukoll sabiex tippriżerva l-bilanċ finanzjarju tas-sistema ta' sigurtà soċjali nazzjonali, jikkostitwixxu, bħala prinċipju, għanijiet leġittimi li jistgħu jiġġustifikaw restrizzjonijiet għad-drittijiet ta' moviment liberu u ta' residenza stabbiliti fl-Artikolu 21 TFUE.

91 Barra minn hekk, il-Gvern tar-Renju Unit josserva li l-kundizzjoni ta' preżenza preċedenti fit-territorju tal-Istat Membru kompetenti hija proporzjonata fid-dawl tal-għan imfittex peress li din teħtieġ biss perijodu qasir ta' 26 ġimgħa bħala total. Barra minn hekk, l-applikant għandu jissodisfa din il-kundizzjoni biss fil-mument meta ssir l-applikazzjoni. Barra minn hekk, skont il-Gvern imsemmi, ma jeżisti ebda metodu

ieħor li jippermetti fl-istess ħin li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' rabta suffiċjenti mar-Renju Unit u li tiġi protetta l-integrità tas-sistema ta' sigurtà soċjali.

92 F'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża prinċipali, fejn il-kisba tad-dritt għal benefiċċju li għandu n-natura ta' benefiċċju mhux kontributorju ma hijiex suġġetta għal kundizzjonijiet ta' kontribuzzjonijiet, jista' jitqies bħala leġittimu li Stat Membru jagħti tali benefiċċju biss wara li setgħet tiġi stabbilita l-eżistenza ta' rabta reali tal-applikant mal-Istat kompetenti.

93 Issa, l-eżistenza ta' tali rabta tista' effettivament tiġi vverifikata, b'mod partikolari, mill-konstatazzjoni li l-persuna inkwistjoni kienet, matul perijodu ta' żmien raġjonevoli, realment preżenti fit-territorju ta' dan l-Istat Membru.

94 F'dan il-każ, il-kundizzjoni ta' preżenza preċedenti fit-territorju tal-Istat Membru kompetenti tfisser, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, li, sabiex ikun eliġibbli għall-benefiċċju tal-invalidità mogħti għal żmien qasir lil żgħażagħ b'diżabbiltà, l-applikant kellu jkun preżenti fil-Gran Brittanja matul perijodu jew perijodi li jirrappreżentaw tul totali ta' mill-inqas 26 ġimgħa matul it-52 ġimgħa immedjatament preċedenti għad-data tal-applikazzjoni. Barra minn hekk, b'mod konformi mal-Artikolu 16(6) tal-SSIBR, u hekk kif josserva l-Gvern tar-Renju Unit, huwa biżżejjed li din il-kundizzjoni ta' preżenza tkun sodisfatta fil-mument meta tkun saret l-applikazzjoni.

95 Għalkemm huwa minnu li l-metodi ta' applikazzjoni tal-kundizzjoni msemmija, minnhom infushom, ma jidhrux li huma irraġjonevoli, madankollu, għandu jiġi rrilevat li din għandha natura esklużiva wisq. Fil-fatt, billi timponi perijodi speċifiċi ta' preżenza preċedenti fit-territorju tal-Istat Membru kompetenti, il-kundizzjoni ta' preżenza preċedenti tiffavorixxi indebitament element li ma huwiex neċessarjament rappreżentattiv tal-livell reali u effettiv tar-rabta bejn l-applikant għal benefiċċju tal-invalidità mogħti għal żmien qasir lil żgħażagħ b'diżabbiltà u l-imsemmi Stat Membru, bl-esklużjoni ta' kull element rappreżentattiv ieħor. Għalhekk, din il-kundizzjoni tmur

lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq l-għan mixtieq (ara, b'analoġija, is-sentenza D'Hoop, iċċitata iktar 'il fuq, punt 39).

96 Fil-fatt, ma jistax jiġi eskluż li l-eżistenza ta' tali rabta ta' konnessjoni tista' tiġi stabbilita minn elementi rappreżentattivi oħra.

97 Tali elementi għandhom jiġu mfittxija, fl-ewwel lok, fir-relazzjonijiet eżistenti bejn l-applikant u s-sistema ta' sigurtà soċjali tal-Istat Membru kompetenti. F'dan ir-rigward, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali diġà tibbenefika, abbażi tal-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit, minn allokazzjoni għas-sussistenza ta' persuni b'diżabbiltà.

98 Barra minn hekk, mid-deċiżjoni msemmija jirriżulta li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali tiġi kkreditata bil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali nazzjonali Britannika li kull ġimgħa jiżdiedu mal-kont tas-sigurtà soċjali tagħha.

99 Isegwi li L. Stewart hija diġà konnessa b'ċertu mod mas-sistema nazzjonali ta' sigurtà soċjali inkwistjoni.

100 Elementi oħra li jistgħu jipprovaw l-eżistenza ta' rabta reali bejn l-applikant u l-Istat Membru kompetenti jistgħu, fit-tieni lok, jirriżultaw mill-kuntest familjari li jinsab fih l-applikant. Fil-kawża prinċipali, huwa stabbilit li L. Stewart, li hija inkapaċi li taġixxi f'isimha stess minħabba d-diżabbiltà tagħha, għadha dipendenti fuq il-ġenituri tagħha li jieħdu ħsiebha u li jirrappreżentawha fir-relazzjonijiet tagħha mal-estern. Issa, kemm l-omm kif ukoll il-missier ta' L. Stewart jirċievu pensjoni tal-irtirar abbażi

tal-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit. Barra minn hekk, missier L. Stewart kien jeżerċita attività professjonali f'dan l-Istat Membru qabel ma rtira, filwaqt li ommha kienet tirċievi preċedentement, dejjem abbażi tal-leġiżlazzjoni tal-istess Stat Membru, benefiċċju tal-invalidità.

101 Finalment, huwa stabbilit li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali, li hija ċittadina Britannika, għaddiet parti sinjifikanti minn ħajjitha fir-Renju Unit.

102 Għalhekk, l-elementi msemmija fil-punti 97 sa 101 ta' din is-sentenza jidhru li jistgħu jipprovaw l-eżistenza ta' rabta ta' konnessjoni reali u suffiċjenti bejn ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali u l-Istat Membru kompetenti.

103 Il-kunsiderazzjonijiet preċedenti jistgħu jiġu adottati wkoll fir-rigward tal-għan intiż sabiex jiġi żgurat il-bilanċ finanzjarju tas-sistema ta' sigurtà soċjali nazzjonali. Fil-fatt, il-ħtieġa li tiġi stabbilita rabta ta' konnessjoni reali u suffiċjenti bejn l-applikant u l-Istat Membru kompetenti tippermetti lill-Istat imsemmi li jiżgura ruħha li n-nefqa ekonomika assoċjata mal-ħlas tal-benefiċċju inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma ssirx irraġjonevoli.

104 Konsegwentement, leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tissuġġetta l-kisba ta' dritt għal benefiċċju tal-invalidità mogħti għal żmien qasir lil żgħażagħ b'diżabbiltà għall-kundizzjoni ta' preżenza preċedenti fit-territorju tal-Istat Membru kompetenti, bl-esklużjoni ta' kull element ieħor li jippermetti li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' rabta reali bejn l-applikant u dan l-Istat Membru, tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jinkiseb l-għan imfittex u b'hekk tikkostitwixxi restrizzjoni mhux ġustifikata għal-libertajiet iggarantiti mill-Artikolu 21(1) TFUE lil kull ċittadin tal-Unjoni.

Fuq il-kundizzjoni tal-preżenza fil-mument meta ssir l-applikazzjoni

105 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-applikazzjoni tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali intiża sabiex tikseb il-benefiċċju tal-invaliditá mogħti għal żmien qasir lil żgħażagħ b'diżabbiltà ġiet miċħuda għaliex hija ma kinitx preżenti fit-territorju nazzjonali fil-mument meta ressqet l-applikazzjoni tagħha. F'dawn iċ-ċirkustanzi, għalkemm il-kliem tat-tielet domanda ma jsemmix espressament din il-kundizzjoni ta' preżenza, fil-kuntest tal-proċedura ta' kooperazzjoni bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja stabbilita mill-Artikolu 267 TFUE, din għandha teżamina l-kundizzjoni msemmija sabiex tagħti lill-qorti tar-rinviju risposta utli li tippermettilha tiddeċiedi l-kawża li għandha quddiemha (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-17 ta' Lulju 1997, Krüger, C-334/95, Ġabra p. I-4517, punt 22; tat-28 ta' Novembru 2000, Roquette Frères, C-88/99, Ġabra p. I-10465, punt 18, kif ukoll tal-11 ta' Lulju 2002, Marks & Spencer, C-62/00, Ġabra p. I-6325, punt 32).

106 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-kundizzjoni ta' preżenza fit-territorju tal-Istat Membru kompetenti fil-mument meta ssir l-applikazzjoni tikkostitwixxi, għar-raġunijiet esposti fil-punti 80 sa 87 ta' din is-sentenza, restrizzjoni għal-libertajiet irrikonoxxuti mill-Artikolu 21(1) TFUE lil kull ċittadin tal-Unjoni.

107 Tali restrizzjoni tista' tiġi ġġustifikata biss, fir-rigward tad-dritt tal-Unjoni, jekk din tkun, b'mod partikolari, adatta sabiex tilħaq l-għan imfittex b'mod leġittimu mid-dritt nazzjonali.

108 Issa, il-kundizzjoni msemmija ma tistax tiġi kkwalifikata bħala metodu adatt sabiex jintlaħqu l-għanijiet imsemmija fil-punt 89 ta' din is-sentenza. Effettivament, il-fatt li l-applikant ikun preżenti fit-territorju tal-Istat Membru kompetenti meta titressaq l-applikazzjoni tiegħu intiża għall-għoti tal-benefiċċju tal-invaliditá mogħti għal żmien qasir lil żgħażagħ b'diżabbiltà ma jippermetti la li tiġi stabbilita rabta reali bejn dan l-applikant u l-Istat Membru kompetenti, u lanqas li jiġi ppriżervat il-bilanċ finanzjarju tas-sistema ta' sigurtà soċjali nazzjonali.

109 Isegwi li l-kundizzjoni ta' preżenza fit-territorju tal-Istat Membru kompetenti fil-mument meta titressaq l-applikazzjoni, li hija suġġetta għaliha l-kisba tal-benefiċċju tal-invalidità mogħti għal żmien qasir lil żgħażagħ b'diżabbiltà, tikkostitwixxi restrizzjoni mhux ġustifikata għal-libertajiet rikonoxxuti mill-Artikolu 21(1) TFUE lil kull ċittadin tal-Unjoni.

110 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, ir-risposta għat-tielet domanda għandha tkun li:

— l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 1408/71 jipprekludi li Stat Membru jissuġġetta l-għoti ta' benefiċċju tal-invalidità mogħti għal żmien qasir lil żgħażagħ b'diżabbiltà, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għal kundizzjoni ta' residenza abitwali tal-applikant fit-territorju tiegħu;

— l-Artikolu 21(1) TFUE jipprekludi li Stat Membru jissuġġetta l-għoti ta' tali benefiċċju:

— għal kundizzjoni ta' preżenza preċedenti tal-applikant fit-territorju tiegħu bl-esklużjoni ta' kull element ieħor li jippermetti li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' rabta reali bejn l-applikant u dan l-Istat Membru, u

— għal kundizzjoni ta' preżenza tal-applikant fit-territorju tiegħu fil-mument meta ssir l-applikazzjoni.

Fuq l-ispejjeż

111 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) Benefiċċju tal-invaliditàmogħtigħalżmienqasirlilżgħażagħb'diżabbiltà,bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jikkostitwixxi benefiċċju tal-invaliditàskont l-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-siġurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità, fil-verżjoni tiegħu kif emendata u aġġornata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 118/97, tat-2 ta' Diċembru 1996, kif emendat bir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 647/2005, tat-13 ta' April 2005, jekk ikun stabbilit, sa minn meta ssir l-applikazzjoni, li l-applikant għandu diżabilità permanenti jew fit-tul.

2) L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 1408/71, fil-verżjoni msemmija, kif emendat bir-Regolament Nru 647/2005, jipprekludi li Stat Membru jissuġġetta l-għoti ta' benefiċċju tal-invaliditàmogħti għal żmien qasir lil żgħażagħ b'diżabbiltà, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għal kundizzjoni ta' residenza abitwali tal-applikant fit-territorju tiegħu.

L-Artikolu 21(1) TFUE jipprekludi li Stat Membru jissuġġetta l-għoti ta' tali benefiċċju:

— **għal kundizzjoni ta' preżenza preċedenti tal-applikant fit-territorju tiegħu bl-esklużjoni ta' kull element ieħor li jippermetti li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' rabta reali bejn l-applikant u dan l-Istat Membru, u**

— **għal kundizzjoni ta' preżenza tal-applikant fit-territorju tiegħu fil-mument meta ssir l-applikazzjoni.**

Firem